MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 665/2002/1

Kawza fil-lista: 49

***B C***
**vs**
***X C***

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fl-1 ta' Gunju 1979, u minn dan iz-zwieg ghandhom erbat-it tfal: *V* mwielda fl-24 ta' Marzu 1985, *H* mwielda fl-1 ta' April 1987, *T X* imwieled fit-18 ta' Mejju 1989 u *C* mwielda fit-22 ta' Jannar 1992; li "l-hajja konjugali bejn il-partijiet m' ghadhiex aktar possibbli minhabba tortijiet attribwibbli lill-konvenut, senjatament eccessi, mohqrija, adulterju, theddid u ngurji gravi da parti tieghu, u in subsidium ghax iz-zwieg tkisser irrevokabbilment"; li l-attrici ottjeniet d-

debita awtorizzazzjoni sabiex tressaq l-istanza odjerna; ghalhekk qed titlob li din l-Qorti [1] tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, htija tal-konvenut; [2] tafda l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri f' idejn l-attrici, b' access favur il-konvenut; [3] tordna li l-konvenut ihallas manteniment, ghaliha u ghat-tfal minuri; [4] tapplika fil-konfront tal-konvenut l-artikolu 48 tal-Kap.16, in toto jew in parte; [5][6] ixxolji, tillikwida u tassenja l-komunjoni ta' l-akkwisti, u tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircevi l-att opportun; [7] tordna li l-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-effetti dotali u parafernali taghha; [8] tawtorizza r-registrazzjoni tas-sentenza; bl-ispejjez;

Rat in-not ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa: li t-tortijiet attribwiti lilu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt; li jaqbel li z-zwieg tkisser irrevokabbilment; li l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata lilu, stante li t-tfal iridu jkomplu jghixu mieghu; li l-attrici tista' tahdem u m' ghandhiex tiddependi finanzjarjament fuq zewgha li jrid imantni l-erba' t'itfal li baqghu jghixu mieghu; li m'hemmx lok li jigi applikat fil-konfront tieghu l-artikolu 48 tal-Kap.16;

Rat il-kontro-talba maghmula mill-konvenut rikonvenzjonant, u li tinsab inserita fil-process a fols.25 u 26 [Appendici A];

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata mill-attur rikonvenjonat, u li tinsab inserita fil-process a fols.33 u 34 [Appendici B];

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukatessa Dottor Anna Mallia;[1]

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

Rat li l-prolazzjoni tas-sentenza kienet giet differita tlett darbiet, darbtejn fuq talba tal-konvenut, u darba fuq talba ta' l-attrici;

[1] Vol.2 – fols.626 *et seq.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**Ikkunsidrat;**

**Azzjoni – Kontro-Talba**
Illi permezz tal-proceduri odjerni l-partijiet qed jitolbu li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejniethom, peress li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment, bi htija reciproka bazata fuq l-artikoli 38 u 40 imputati lill-konvenut, u fuq l-artikolu 40 imputat lill-attrici; u qed jitlobu wkoll li din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

**Separazzjoni Personali**
Illi l-partijiet izzewwgu fl-1 ta' Gunju 1979, u minn dan iz-zwieg twieldu erba' t'itfal, fid-dati fuq indikati, u li llum huma kollha maggjorenni.

Illi fil-25 ta' Marzu 2002, il-konvenut skopra li fis-sena 1995 martu kienet hadet ad insaputa tieghu l-ircevuti mahrugin mill-Monte di Pieta', rigwardanti deheb proprjeta' parafernali tal-konvenut, u rtirat parti minn dan id-deheb li kien mizmum hemm bhala rahan; u li hija kienet hbiet ghand il-genituri taghha. Konsegwentement inqala' dizgwid matrimonjali kbir bir-rizultat li l-konvenut kecca lill-martu mid-dar konjugali, parafernali tieghu. Intant, it-tfal baqghu joqghodu mal-konvenut.

Eventwalment, fuq ordni tal-Qorti, l-attrici giet awtorizzata li tidhol fid-dar konjugali, u l-konvenut telaq minn hemm flimkien ma' ulied il-partijiet.

*Verzjoni Attrici*
L-attrici tilmenta li tul il-konvivenza matrimonjali, il-konvenut, li hu ghaxar snin akbar minnu, kien abbuziv u aggressive fil-konfront taghha; u kien irid li dejjem tghaddi tieghu. Kien ukoll irresponsabbli lejn il-familja tieghu.

Tghid li hi kienet vittma ta' vjolenza morali u anke fizika, u dan, minkejja li hi dejjem hadmet mieghu, kemm fin-negozju tal-muzika, fil-fabbrika u anke fis-supermarket, u dan minghajr hlas dirett. Tghid li "l-aghar battalja" [fol.92]

kienet rizultat ta’ l-inkwiet matrimonjali li kellhom minhabba hbiberija li kellu l-konvenut ma’ tfajla tal-kor; izda hi xorta wahda ppersistied fil-konvivenza, kemm minhabba l-problemi finanzjarji li kienu ghaddejjin minnhom il-partijiet, kif ukoll peress li t-tfal kienu ghadhom zghar.

Illi fis-sena 1992 “faqqghet it-tragedja tas-supermarket” [fol.93] meta l-konvenut inqabad bi flus foloz fil-cash register, u wkoll gie misjub hati mill-Qorti tal-Magistrati. Dan, apparti milli kien ta’ umiljazzjoni kbira ghall-attrici, kien fatali ghan-negozji taghhom. Wara ftit in-negozji gew maghluqa, stante li l-banek kienu waqfulu l-overdrafts. Lill-attrici ma kienx qallha x’ sar mill-affarijiet. Tghid, li f’ dan il-perijodu, il-konvenut kien jixrob, u kien aggressiv fil-konfront taghha b’ mod li kien “jerfa’ idejh fuqha b’ mod perikoluz” [fol.94]. Kien f’ dan iz-zmien li, waqt argument bejniethom, il-konvenut habtilha rasha mal-hajt biex inessiha dak li hi kienet ghaddejja minnu. Kien anke heddida li joqtolha u jikkagunalha hsara, u kien ukoll akkuzaha bis-serq tad-deheb.

L-attrici tispjega li fit-trobbija tat-tfal kienet “kollox wahdi, da parti ta’ zewgi xejn.” Tghid li hu kien keccija mid-dar darbtejn, darba fis-sena 1995 u darba ohra fis-sena 1997.

Rigward id-deheb li kien mizmum fil-Monte di Pieta’ tghidli hi fl-1 ta’ Gunju 1995 hi kienet isselfet minghand il-genituri taghha s-somma ta’ LM700, u bil-biljetti li kienet hadet mid-dar ad insaputa tal-konvenut, hi kienet irtirat parti minn dan id-deheb u hbietu ghand il-genituri taghha [vide Vol.2 - fol.277 u fol.371]. Meta fil-25 ta’ Marzu 2002 il-konvenut skopra dan, nqala’ litigju bejn il-partijiet, bir-rizultat li l-konvenut kecca lil martu mid-dar konjugali u, filwaqt li zamm it-tfal mieghu, huwa ma riedx ihalliha tidhol, u rrezizta kemm lill-pulizija kif ukoll digriet moghti mill-Qorti tas-Sekond Awla Civili.

*Verzjoni Konvenut*
Il-konvenut jispjega li fis-sena 1992, ftit wara t-twelid tar-raba’ tarbija, l-attrici “telqet mis-sodda matrimonjali bla ebda spjegazzjoni” [Vol.1 - fol.156], u, ghalkemm ma kien

kuntent xejn bis-sitwazzjoni “qatt ma mponejt ix-xewqat cioe’ id-drittijiet matrimonjali li kelli ghalkemm kont inhoss il-htiega bhal kull ragel iehor.” [Ibid.]  Hi kienet turi li ma kellhiex interess fil-hajja mizzewwga.

Jilmenta mill-fatt li fid-dar kien hemm “telqa, hmieg u traskuragni” kbira da parti ta’ martu li ma kienitx taghmel lanqas l-affarijiet bazici.  Kienet issajjar xi haga ghat-tfal, izda lilu ma kienitx tippreparalu xejn avolja hu kien jkun id-dar jghati l-lezzjonijiet;  u biex id-dar jieklu xi haga sura kien ikollu jsajjar hu.

Jghid li martu kienet ghajjura hafna, ghall-istudeni li kien ikollu u anke ghall-impjegati, u kienet suspettuza hafna, tant li gieli kienet tisfrattalu ngagg ta’ student jew impjegati, b’ dannu finanzjarju ghalihom.

Il-konvenut jichad li hu kellu xi hbiberija specjali ma’ studenta ndikata mill-attrici;  u jichad ukoll li kien sawwat lil martu.  Jghid li martu kienet ghaddejja minn perijodu hazin mentalment, tant li kien issuggerielha li tmur mieghu ghand il-psikjatra, izda hi kienet irrifjutat.

Illi rigward id-deheb, il-konvenut jispjega li fis-sena 1992 meta l-pozizzjoni finanzjarja taghhom kienet prekarja hafna bl-irtirar tal-facilitajiet bankarji, il-konvenut kien pogga’ b’ rahan fil-Monte di Pieta’ deheb li kien wiret minghand il-genituri tieghu, u li ghalih kellu valur sentimentali. Li f’ Marzu 2002 il-Monte di Pieta’ informah li l-lot tieghu kien ser jiskadi, u meta mar jivverifika x’ kien sar mill-lottijiet l-ohra li kien pogga maghhom, huwa skopra li fis-sena 1995 l-attrici, ad insaputa tieghu, kienet isselfet il-flus mill-genituri taghha u rtirat parti mill-imsemmi deheb;  u nonostante l-insistenza tieghu li din tirritorna dan id-deheb, hija, sallum baqghet izzommu ghandha.

In  propozitu, il-konvenut jispjega li f’ Marzu 2002 huwa kien baghat lill-attrici sabiex iggib id-deheb lura, izda dina minflokk ghamlet hekk, marret tirrapporta l-ghassa li hu kien kecciha mid-dar.  Jghid, li “jien baghtha iggib dak li serqet, u li kieku giet lura bid-deheb kienet tidhol lura d-

dar. Dan il-fatt m' ghamlitux ghax hi kellha l-intenzjoni li tisraqli hwejjgi." [Vol.1 – fol.162]

Illi rigward it-tfal, il-konvenut jghid li t-tfal minn dejjem riedu jibqghu jghixu mieghu, u hu kien jiehu hsiebhom sew, tant li llum tlieta' minnhom ghamlu l-edukazzjoni terzjarja. Hu kien ihallas ghall bzonnijiet kollha taghhom, inkluzi l-mizati ta' l-iskejjel, u dan, nonostante li hu kien qed jghix bl-assistenza socjali. Fil-fatt kien biegh l-affarijiet li kien hemm fid-dar sabiex ikun jista' jhallas ghall-bzonnijiet tat-tfal.

*Verzjoni Tfal*
Illi t-tfal, meta kienu ghadhom minorenni, kienu tkellmu mas-social workers, li prezentaw rapport [Vol.2 – fols.323 et seq.], u spjegaw is-sitwazzjoni taghhom fid-dar tal-partijiet. Sussegwentement fil-25 ta' Novembru 2005, it-tfal *C C*, *H C* u *T X C*, pprezentaw affidavit fejn ikkonfermaw il-kontenut ta' l-imsemmi rapport.

Dawn jghidu li huma riedu jibqghu jghixu mal-missier u mhux ma' l-omm. Li meta l-omm kienet id-dar, kien ikun hemm hafna glied, u li din ma kienitx issajrilhom affarijiet tajbin. Kienet ukoll tidhaq u tgedwed waheda, u li kienet ukoll titkellem man-nies fuq il-problemi familjari. Kienet tqatta' hafna hin fis-sodda, u ma kienitx taghmel il-facendi tad-dar. L-attrici "dejjem trid ir-ragun hi", filwaqt li hi qatt ma kienet tammetti t-tort, u kienet tghid li missierhom qatt ma ghamel xejn tajjeb.

Jghidu wkoll li missierhom ma hallihom nieqsin minn xejn; wkoll li meta l-omm kienet id-dar huma qatt ma raw vjolenza fizika hlief l-okkazzjoni meta l-konvenut kien tajjar in-nuccali tal-mama minn fuq wiccha.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi dan huwa l-kaz fejn il-pika u s-suppervja bejn il-partijiet ipprevaliet fuqhom, u rrizultaw fatali ghaz-zwieg taghhom. In fatti din il-pika baqghet evidenti matul il-proceduri odjerni, kif evidenzjat mid-determinazzjoni tal-konvenut, minn naha, li ma jhallix lil martu tidhol fid-dar konjugali, nonostante digriet tal-Qorti u l-intervent tal-pulizija, u minn

naha l-ohra, il-pika da parti ta’ l-attrici li ma tirrestitwix lill-konvenut id-deheb parafernali tieghu, u li sallum ghadu ghandha jew ghand il-genituri taghha.

Illi da parti tal-konvenut jirrizulta li matul il-konvivenza matrimonjali dan kien dominant fuq martu, tant li din kienet tirribella, u fid-dar kien ikun hemm hafna nkwiet u glied. Dan il-komportament tieghu da parti tieghu kienet wasslu sabiex qafel lil martu barra mid-dar konjugali wara li skopra li din kienet haditlu d-deheb u zammitu ghand il-genituri taghha.

Minn naha ta’ l-attrici, jirrizulta li, anke din kienet trid li tghaddi taghha, u ghalhekk kienet tillitiga mal-konvenut. Inoltre, fis-sena 1992, ftit wara t-twelid tar-raba’ tarbija tal-partijiet, hija minghajr spjegazzjoni ta’ xejn telqet is-sodda matrimonjali, u ma rieditx tiqba’ tghix il-hajja konjuigali mal-konvenut. Kienet ukoll traskurat il-facendi fid-dar, u kienet issajjar biss ghat-tfal, u mhux ghall-konvenut zewgha. Dan kompla jzid l-inkwiet matrimonjali li lahaq il-kolmu tieghu meta l-konvenut skopra li martu kienet haditlu d-deheb parafernali tieghu u ma rieditx tirritornah lura.

Ferm il-premess, il-Qorti tosserva li ma’ taqbilx mal-konkluzjoni tal-perit legali dwar il-htija tas-separazzjoni, u f’ dan il-kaz tirravviza fil-konfront taz-zewg partijiet komportament abbuziv, fil-konfront ta’ xulxin, li jikwalifika bhala ‘sevizzi’ fit-termini ta’ l-artikolu 40 tal-Kap.16, stante li, ezercitat fuq bazi abitwali u ripetut, irrenda nsapportabbli l-konvivenza matrimonjali. Di fatti kien biss wara li l-partijiet isseparaw de facto li t-tfal setghu jghixu hajja trankwilla ma’ genitur wiehed.

Illi in kwantu ghall-adulterju allegat mill-attrici fil-konfront tal-konvenut, dan ma jinsabx provat, kif lanqas ma jinsab provaat li l-konvenut ittrattjena xi hbiberija specjali matul il-konvivenza.

**Kura u Kustodja**

Illi llum dan il-kaz jinsab sorvolat, stante lil-ulied saru maggorenni.

**Manteniment**
Illi mill-provi jirrizulta li z-zewg partijiet ma jahdmux, filwaqt li l-konvenut qed jghix bl-assistenza socjali, u jaqla' somma zghira fis-sena bil-lezzjonijiet tal-privat li jghati, sabiex jghin ruhhu anke fit-trobbija tat-tfal.

Illi l-Qorti hi tal-fehema li l-mod kif iz-zewg partijiet gabu ruhhom fil-konfront ta' xulxin ghandu jattira d-dispost ta' l-artikolu 48, b' applikazzjoni ta' l-artikolu 51 tal-Kap.16.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**
Illi f' dan l-istadju jidher li ma hemmx assi fil-komunjoni, stante li kemm il-mobbli kif ukoll l-immobbli nbighu fil-mori tal-kawza. L-immobbli, inkluza d-dar konjugali parafernali tal-konvenut, nbighu bis-subbasta sabiex jigi sodisfatt il-kreditu mal-banek, stante li l-konvenut iddikjara stat ta' falliment.

In propozitu l-Qorti ma taqbilx mas-suggeriment tal-perit legali li l-attrici ghandha tigi kompensata talli l-immobbli formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti nbieghu bis-subbasta, minhabba l-istat ta' falliment ta' zewgha. Tosserva li dawn l-immobbli <u>tal-komunjoni</u> nbighu biex jigi sodisfatt debitu tal-ta' <u>l-istess komunjoni</u>; u ghalhekk mhux il-kaz li l-attrici tigi kompensata, stante li r-rikavat tal-prezz gie mpjegat biex jigi sodisfatt kreditu li jinkombi fuq iz-zewg partijiet fi kwoti wgwali. Inoltre, anke id-dar konjugali parafernali tal-konvenut nbighet bis-subbasta ghall-istess skop.

Illi rigward l-mobbli elenkati mill-attrici a fols.94 u 95 tal-process [Appendici B], il-konvenut isostni li dawn huma, jew ahjar, kienu proprjeta' parafernali tieghu, u l-attrici kienet accettat dan il-fatt, tant li, sakemm hareg ir-rapport tal-perit legali, hija ma ghamlet ebda talba ghal hrug ta' mandat kawtelatorju fuq l-oggetti hemm deskritti. Jghid, kemm fl-affidavit tieghu, kif ukoll fid-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti, li huwa kien biegh dawn l-affarijiet ftit ftit sabiex jkun jista' jaqdi l-bzonnijiet ta' uliedu li kienu baqghu jirrisjedi mieghu, filwaqt li hu kien qed jghix fuq il-

beneficju socjali. Huwa jghid li b' kollox l-irkantatur kien tah is-somma ta' €8,153 [ekwivalenti ghal LM3,500] circa.

In propozitu l-Qorti tosserva li, tenut kont tal-fatt li l-proprjeta' mmobbli kollha tal-partijiet u anke dik parafernali tal-konvenut, nbieghu bis-subbasta,huwa probabbli li dawn l-affarijiet inbieghu wkoll. Inoltre, tenut kont li ulied-il partijiet baqghu, minn rajhom, jghixu mal-konvenut u li dan kien jara li ma kienx jonqoshom xejn u li baqa' jhallsilhom l-ispejjez sakemm tlieta minnhom ghamlu l-edukazzjoni terzjarja, minghajr kontribut finanzjarju da parti ta' l-attrici, huwa m' ghandux jigi tenut jirrestitwixxi nofs l-ammont lill-attrici.

Illi rigward id-deheb il-konvenut fis-seduta peritali tal-15 ta' Novembru 2005 iddikjara "li minn din il-kawza mhux qed jippretendi xejn ghajr li l-attrici tirrestitwixxi d-deheb li hadet u li ta' dan ser jesebixxi lista' tieghu u li l-valur li tawh il-Monte di Pieta' kien ta' LM1,800 u dan kien fis-sena 1992. Dan kien deheb parafernali tieghi li kont wirit. Ma nippretendi xejn aktar." [Vol.2 – fol.277].

In propozitu l-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:
[1] fl-ewwel lok jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti, li l-oggetti li l-konvenut kien iddepozita fil-Monte di Pieta' fis-sena 1992 sabiex jipprova jdawwar ir-rota finanzjarja tan-negozju appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti, huwa parafernali tieghu, gej mill-wirt tal-genituri tieghu u ghalhekk il-Qorti tifhem li dan id-deheb ghandu ghalih valur ukoll sentimentali, u x-xewqa tal-konvenut li jghaddih lil uliedu.

[2] Illi mill-provi jirrizulta li dan 'l-imbierek' deheb li ghalih ilu jiggieled il-konvenut, u li fuqu ilha, u ghada tippika l-attrici, u li kien il-kawza prossima li wasslet ghas-separazzjoni de facto, <u>ghadu ghand l-attrici</u>. Il-Qorti tosserva li din kellha mezzi legali sabiex tikkawtela l-interessi taghha, senjatament il-hrug ta' mandati kawtelatorji, izda mhux li zzomm abbuzivament proprjeta' parafernali ta' zewgha. Ghalhekk dan id-deheb li jinsab fil-pussess taghha ghandu jigi ritornat lill-attur.

Illi pero' l-konvenut baqa' ma pprezentax il-lista tal-oggetti tad-deheb riklamati minnu, u ghalhekk din il-Qorti fil-gudizzju odjern ser tillimita ruhha billi tordna li l-attrici tirrestitwixxi l-oggetti tad-deheb li hadet mill-Monte di Pieta' filwaqt li l-konvenut jhallasha s-somma ta' €1,631 [ekwivalenti ghal LM700] li hi kienet hallset biex gie rtirat id-deheb, liema hlas kien sar ghal beneficju tieghu, stante li d-deheb huwa parfernali tieghu u kien mizmum b' rahan.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar t-talbiet attrici billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija taz-zewg partijiet;
[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, stante li t-tfal illum huma maggjorenni;
[3] tichad l-ewwel parti tat-tielet talba, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni parti taghha, stante li t-tfal illum huma maggjorenni;
[4] tilqa' ir-raba talba u tapplika fil-konfont tal-konvenut l-artikolu 48 tal-Kap.16 fl-intier tieghu;
[5] tilqa' il-hames talba, u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti, u tillikwidha fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni ta' l-akkwisti';
[6] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba, peress li fic-cirkostanzi hija superfluwa;
[7] tichad is-seba' talba, stante li ma ngabux provi fir-rigward;
[8] tilqa' it-tmien talba;

Tiddeciedi dwar il-<u>kontro talba</u> billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba fis-sens gja fuq deciz;
[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba;
[3] tilqa' it-tielet talba u tapplika fil-konfront ta' l-attrici d-dispost in toto ta' l-artikolu 48 tal-Kap.16;
[4] tilqa' r-raba' talba fis-sens gja fuq deciz;
[5] tilqa' l-hames talba fis-sens gja fuq deciz;
[6] tilqa' s-sitt talba u tordna li, fi zmien gimgha, l-attrici tirrestitwixxi lill-konvenut id-deheb parafernali tieghu li hi kienet rtirat mill-Monte di Pieta', u dan kontra l-hlas da part tal-konvenut ta' l-ammont ta' €1,631 [ ekwivalenti ghal LM700];

[7] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-seba talba, stante li hi superfluwa;

L-ispejjez, kemm ta’ l-azzjoni kif ukoll tal-kontro-talba, jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------